**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Marzu 2019**

**Talba Nru: 427/18 CZ**

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs.**

**Emanuel Lanzon**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fil-31 t'Awwissu 2018 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hames mija u erbgha u disghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€594.52) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40584852.

Illi interpellat sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittjiet, inklzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficcjali bir-referenza 859/17, u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xiehda ta' Paul Gatt, rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenut.

Ra li l-kawza giet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta' rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenut, s-somma ta' hames mija u erbgha u disghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€594.52) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40584852.

2. Illi x-xhud Paul Gatt ghas-socjeta' attrici kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

1. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

 Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

 (b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

2. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

3. Fil-kaz odjern, il-konvenut gie debitament notifikata u la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal.

4. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

5. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut mill-konvenut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' s-somma ta' hames mija u erbgha u disghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€594.52) bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-hlas effettiv. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur